MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 261/2002/1

**Jesmond Calafato**

**vs**

**Suzanne Valerie Calafato**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tnax (12) ta' Frar 1999, fil-Knisja ta' Santa Liberata, Kalkara u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru ta' l-Iskrizzjoni mija u tnax ta' l-elf disa' mija u disgha u disghin (112/1999);

Illi l-kunsens tal-partijiet fil-mument taz-zwieg kien vizzjat 'il ghaliex kienu hassewhom sfurzati jizzewgu mill-genituri

peress li l-konvenuta kienet harget tqila circa erba' xhur qabel iz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien ukoll vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg. Il-konvenuta zzewget meta ma kellha l-ebda intenzjoni li ssegwi fedelment l-elementi essenzjali taz-zwieg kif inhuma rikonoxxuti mill-ligi Maltija;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien null u minghajr effett legali.

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita` tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa` ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2002;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-13 ta' Gunju 2002 fejn eccepiet:-

1. Illi filwaqt li l-esponenti taqbel li z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fit-12 ta' Frar 1999 huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi, teccepixxi illi hi ma kenitx il-kawza ta' tali nullita' u ghaldaqstant m'ghandhiex issofri spejjez;

2. Illi, *inoltre*, l-kunsens ta’ l-eccipjenti kien ivvizzjat peress li nkiseb b’qerq a tenur ta’ l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255**;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 14 tal-process
Rat in-nota ta’ l-attur tas-7 t’Awissu 2002 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess, ta’ Phyllis Calafato u ta’ Alfred Calafato;

Rat in-nota tal-konvenuta tas-27 ta’ Settembru 2002 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess, ta’ George Borg, Pauline Borg u Mavis Margaret Gaffiero;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attur,** fl-affidavit tieghu jghid:-

*“Illi jiena iltqajt mal-konvenuta gewwa disco f’Paceville. Kelli ghoxrin sena filwaqt li l-konvenuta kienet tmien snin akbar minni. Bdejna nohorgu flimkien regolarment.*

*Illi nghid li ghalkemm kont nohrog mal-konvenuta, jiena qatt ma hsibt li stajna nkomplu flimkien. Dan ghaliex hija kienet taghtni x’nifhem, li ghalkemm kienet tmien snin akbar minni u suppost aktar matura minni, ma riditx irbit. L-atteggjament taghha kien jaghtini x’nifhem li kienet mohh ir-rih. Kienet tilbes indicenti hafna. Kien hemm okkazzjonijiet meta jiena stess kont nigbdilha l-attenzjoni u nitlobha tbiddel ghaliex ma kenetx tkun liebsa xieraq. Fil-fatt, hija kienet terga’ tidhol gewwa biex tbiddel u minflok tohrog b’xi haga aktar indicenti. Kienet thobb taghmel ta’ rasha u tisfida lil kull min jikkontrarjaha. Kont*

*naraha thares lejn guvintur ohra anke fil-prezenza tieghi u jiena kont niddejjaq hafna. Kienet qaltli wkoll li qabel ma harget mieghi kienet tohrog ma' wiehed ghal xi hames snin u li kienet ser tizzewgu izda xi tliet xhur qabel it-tieg hassret ghaliex kienet iddejqet u ma riditx irbit. Kienet qaltli wkoll li qabel ma harget ma' dan il-guvni kienet gharusa xi darbtejn ohra u li kienet tterminat dawn ir-relazzjonijiet ghall-istess ragunijiet.*

*Illi l-konvenuta ma kenitx tkun trid tigi ghand ommi u missieri. Kienet giet l-ewwel darba li tlabtha izda wara din id-darba bdiet tevita s-suggeriment tieghi biex tigi ghandna.*

*Illi nghid li f'din is-sena li kont nohrog mal-konvenuta kien ikollna x'naqsmu sesswalment bosta drabi. Niftakar li l-ewwel darba li kellna relazzjonijiet sesswali kien xi gimgha biss wara li bdejna nohorgu flimkien. Konna qeghdin fil-karrozza tieghi nitkellmu meta f'daqqa wahda qaltli biex ma nharisx u x'hin ftaht ghajnejja kienet gharwiena huta. Qaltli wkoll li kienet vergni izda fil-fatt ma kenitx.*

*Illi ghamilt xi sena nohrog mal-konvenuta izda jiena kont iddeciedejt li nhassar ghaliex ma stajtx nissaporti l-atteggjament taghha. Ghamilna xi hames gimghat mifrudin. F'dan il-perjodu, l-konvenuta harget ma' guvintur ohra ghaliex kont naraha fil-kumpanija taghhom. Iltqajt maghha f'xi hanut tax-xorb u ergajna bdejna nohorgu flimkien.*

*Illi ftit wara li rrangajna, l-konvenuta nqbadet tqila. Nistqarr li jiena ma kontx preparat li nsir missier u lanqas kont qed nahseb li xi darba nizzewweg lill-konvenuta ghaliex kif diga' ghidt qabel hija kienet wisq immatura u mhux ta' min jorbot fuqha. Meta qaltli li kienet tqila, ma stajt naghmel xejn hlief li naccetta rresponsabbilta' li kien ser ikolli. Il-konvenuta haditha bi kbira mmens u pruvat taghmel minn kollox biex tkorri. Niftakar li bdiet tixrob u tpejjep bl-addocc bil-hsieb li forsi titlef it-tarbija. Ma rnexxilix u wara xi tliet xhur wara qaltli biex immur noqghod maghha ghand il-genituri taghha.*

*Illi jiena bdejt inhossni responsabbli lejn it-tarbija li kienet ser titwieled u ghalhekk bdejt naghmel minn kollox biex nipprova nsalva r-relazzjoni taghna. Ghalkemm cert li ma kontx inkompli nohrog mal-konvenuta li kieku ma hargitx tqila, jiena ddecidejt flimkien maghha li kien ikun ahjar jekk nippruvaw nibnu familja. Ghalhekk iddecidejna li nizzewgu. Fil-fatt izzewwigna fit-12 ta' Frar 1999 meta il-konvenuta kellha hames xhur tqala. Nistqarr li ghalija ma kenitx gurnata felici. U lanqas ghall-konvenuta. Sa saghtejn qabel it-tieg qbadna argument u hi qaltli li ma riditx tizzewweg. Kienet diga' qaltli li ma riditx tizzewweg f'diversi okkazzjonijiet ohra. Jiena minn naha tieghi kont naf li mhux ser inkun kuntent maghha jekk hi tibqa' tagixxi l-istess mod.*

*Illi fl-okkazjoni tat-tieg taghna, jiena u l-konvenuta konna ddecidejna li ma naghmlux riceviment u fil-fatt ghamilna ikla bejnietna. Lanqas biss ilbisna hwejjeg tat-tieg. Wara li zzewwigna, bqajna nghixu fid-dar tal-genituri taghha. Jiena kont sibt flat bil-kera biex immorru noqoghdu fih bhala mizzewgin izda l-konvenuta rrifjutat li mmorru noqoghdu ghal rasna. Riedet tibqa' tghix ma' ommha. Il-konvenuta qatt ma hadmet ghajr ghal xi shows zghar li kienet taghmel peress li kienet tkanta. Qabel ma zzewwigna kien missierha li kien jaghtiha l-flus u meta zzewwigna kont immantniha jien. Id-dar qatt ma kienet taghmel xejn. Kienet issib kollox lest. Jiena kont inkun irrid naghmel kollox wahdi. Anke jekk kienet tkun qed taghmel xi tazza te jew kafe, jien kien ikolli naghmlu jien.*

*Illi l-unika delizzju tieghi huwa li mmur nistad ghall-hut. Izda meta zzewwigna l-konvenuta ma kenitx thallini mmur u meta kont immur xorta wahda, kienet tiggieled mieghi bi kbir u anke sahansitra kienet terfa' jdejha fuqi. Kienet donnha tiehu pjacir taghtini bil-harta fuq wicci u dan anke quddiem ommha. Minn naha taghha, hija kienet tohrog u dan anke meta jiena kont inkun ix-xoghol. Baqghet taghmel hekk anke waqt it-tqala. Nghid ukoll li l-konvenuta baqghet tilbes kif kienet tilbes qabel. Meta kont nghidilha biex tmur tbiddel, u dan ghall-gid taghha stess, kienet tissuppervja u tarma tghajjarni. U biex tisfida, kienet tilbes aqsar.*

*Illi niftakar li l-konvenuta kienet tghidli li meta kienet tohrog ma' l-gharus li kellha kienet tiggieled mieghu bl-idejn. Dan ikkonfermatu ommha wkoll ghaliex darba minnhom qaltli li l-konvenuta u l-gharus taghha gieli taw bl-idejn quddiemha.*

*Illi s-sitwazzjoni baqghet l-istess anke wara t-twelid tat-tarbija. Il-glied bejnietna kompla jikber. Il-konvenuta bdiet anke tghidli li t-tarbija li kellna ma kenitx tieghi. Dan l-argument tqajjem ghal xi tliet darbiet b'kollox izda wara ftit kienet tichad kollox. Ma stajtx naqbad tarf tal-komportament taghha. Kienet tagixxi bhat-tfal iz-zghar. Kull darba li jkollna xi nghidu kienet tmur fil-kamra tas-sodda taghna u tifred is-sodod. Thallihom hekk ghal xi ftit jiem u mbaghad terga' taghmilhom f'posthom. Mal-glieda li jmiss, kienet taghmel l-istess. Saret xi haga ta' kuljum. Fil-fatt, l-gharus ta' ohtha kien jidhaq meta jigi ghandna ghaliex kien jghidli li mill-ewwel kien jinduna jekk ahna konniex miggieldin jew le ghaliex kien ihares lejn is-sodod. Xi haga ohra li kienet taghmel meta konna niggieldu kienet li tehodli c-cwievet tal-karrozza tieghi tkun xi tkun il-glieda. Kien ikolli mmur ix-xoghol bil-karozza tal-linja minflok. Bdiet anke tirrifjutani sesswalment u tghidli esplicitament li ma riditx ikollha x'taqsam mieghi aktar.*

*Illi tlaqt ghal dejjem mid-dar tal-genituri meta darba fost l-ohrajn gejt lura mix-xoghol u ghal xejn b'xejn bdiet tghajjarni. Jiena qbadt u tlaqt u ma rritornajtx aktar. Ma hadt xejn mieghi. Kelli ktieb tal-bank b'Lm1,900 fih izda indunajt li xi ftit jiem wara li tlaqt, il-konvenuta gibdithom u ma tatni xejn minnhom. Ma ghamlet xejn biex tipprova tirranga minn mieghi. Anzi bdiet tara kif taghmel u taqta' kompletament minn mieghi. Sa tliet gimghat wara li nfridna, hi diga' bdiet tohrog ma' guvni iehor. Jidhirli li hija ghadha tohrog mieghu sa llum."*

Illi gew prezentati wkoll zewg xhieda ohra mill-attur li taw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura ta' l-affidavits u dawn huma omm u missier l-attur, **Phyllis Calafato** (a fol. 21) u **Alfred Calafato** (a fol. 24).

Illi l-**konvenuta Suzanne Valerie Calafato** fl-affidavit taghha tghid:-

*“Illi nghid li jiena ltqajt ma’ Jesmond l-ewwel darba gewwa bar f’Pacevlile u niftakar li hu kien qalli biex immorru sa Bugibba. Jiena bdejt niddejjaq peress li ma kontx nafu u niftakar li staqsejtu fejn sejrin u accettajt li mmur mieghu. Dak in-nhar morna Bugibba u meta qadna bilqeghda fuq bank beda jghidli li kien gharus u kien ilu gimgha biss li telaq lill-gharusa li kellu. Qalli wkoll li kien iddejjaq maghha u li kien ilhom hames snin flimkien u li kienu sahansitra hadu l-engagement. Dak in-nhar fost affarijiet ohra qalli li kien ilu imdejjaq minn sa l-ewwel sena u li ghall-ewwel kien il-hin kollu jkun maghha u wara sitt xhur qisu beda jixba` u ma kienx jaf kif ser jispicca ghax il-famlijari taghha kienu gellidin. Kien qalli li kienu jiggieldu hafna u kien jibghatha ma’ hbiebu biex tohrog maghhom u dan meta kien ilhom kwazi hames (5) snin flimkien. Meta kienet tfittex xi post fuq gazzetta biex jizzewgu kien jghidilha li ser jixtri karozza u fil-fatt kien xtara Ford Escort bid-dejn ghal xi Lm6000. Jesmond irrakkontali wkoll li darba kienu qeghdin l-airport u spiccaw jiggieldu u ta daqqa ta’ ponn go l-istonku taghha, hi ma setghetx tiehu nifs u haduha l-polyclinic fuq strecher. Qalli wukoll li kien hemm xi drabi ohra fejn tahiela go halqa. Kien jaghmillha hafna affarijiet b’din ix-xorta.*

*Illi nghid li Jesmond kellu ghoxrin (20) sena meta iltqajna u jiena kont tmien (8) snin akbar minnu. Dak in-nhar jiena mort mieghu Bugibba bhala habiba u mhux biex nibqa` nohrog mieghu. Pero’ dak in-nhar gara li wassalni d-dar u qalli biex niltaqghu l-ghada u jiena accettajt li nohrog mieghu bhala hbieb. Nifttakar li dakinhar jien kont ghidtlu li jiena nkanta.*

*Illi l-ghada meta ltqajna qalli li ommu taf li nkanta ghax kienet ratni fuq it-television u li missieru jahdem bieb ma’ bieb mad-dar taghna fil-Palace gewwa Rahal Gdid u kien jafna. Nahseb li tkellmu flimkien fuqi u fuq il-familja tieghi.*

*Illi wara jumejn li ltqajna, u cjoè t-Tlieta, hadni fejn id-dar tieghu, kien hemm ommu u ohtu, kellmuni u dahluni d-dar u wara dan bdejna nohorgu flimkien kuljum.*

*Illi darba minnhom, wara li ghadda ftit zmien, konna Wied il-Ghajn fil-karozza u baqghet diehla wahda fuqna. Sa dak iz-zmien hu ma kienx jidhol id-dar tieghi pero' wara l-accident kien gab il-karozza fejn id-dar u dahhal il-karozza fil-garage tieghi biex jara d-daqqa. Dakinhar niftakru jghidli li mnalla dahhaltu gewwa ghax kieku aktar kien ihossha bi kbira. Minn dakinhar 'l hemm beda jidhol ghandna.*

*Illi Jesmond kien jghidli ta' skwiet li ommi u missieri mhux bhall-genituri tieghu ghax missieru lanqas ikel mill-fridge ma kien ihallihom jiehdu. Ukoll fid-dar taghhom biex icemplu kellhom ihallsu u kien jaghti xi flus ghall-hajja lill-genituri tieghu. Fuq il-genituri tieghi kien jghidli li qatt ma sab lil xi hadd hekk, jigifieri generuz. Hu kien imdejjaq ghand il-genituri tieghu. Lili kien jghidli mdejjaq ghandhom, ahjar ghandkom. Fl-opinjoni tieghi ghall-bidu konna sejrin mhux hazin flimkien pero' din l-impressjoni tieghi kienet wahda zbaljata.*
*0*
*Illi darba minnhom kellu jigi ghalija l-Gimgha filghaxija jiena kont fuq u cempel it-telephone, kien Jesmond u qalli li l-lejla hiereg mal-hbieb. Jien qatt ma kont qed nistenna li ser jghidli xi haga bhal din. Jien staqsejtu ghaliex u hu ma riedx jghidli. Qalli li ghandu hafna nkwiet minhabba x--xoghol ghax kienet se taghlaq il-fabbrika u qalli biex nohrog wahdi u ma noqghodx gewwa. Jiena hrigt ma' ohti u l-gharus taghha u kont mdejqa hafna. Xrobt xi tnejn whiskey u bdejt inhossni ma niflahx u ghal xi l-hdax ta' flighaxija (11.00pm) ghidtlihom biex immorru 'l hemm. X'hin wasalt id-dar ma stajtx norqod, ghax bdejt inhossni hazin hafna. Ghal xi s-siegha ta' filghodu (1.00am) smajt xi tisbit mat-tieqa, ghall-ewwel ma tajtx kaz u mbaghad x'hin ergajt smajtha qomt nara x' kien u fil-fatt kien hu. Jiena ftahtlu t-tieqa u kellimtu u hu beda jibki. Qalli li ma hax pjacir li ddejjaq fejn kien, u f'nofs il-biki staqsieni biex jidhol. Jien accettajt ghax hsibt li gie biex jerga jirranga mieghi. Pero' meta ftahtlu qalli li ma giex ghalhekk imma biex jara kif jien ghaddejja, staqsieni fejn mort u qalli li*

*xorta nibqghu hbieb. Meta smajt dawn il-kliem jiena ghidtlu biex imur ‘l hemm.*

*Illi dak in-nhar jiena kont ma niflahx hafna, haduni l-isptar u hemmhekk zammewni xi hmistax peress li kont dehydrated. Missieri qalli li t-Tnejn gie jkellem lil missieri u missieri ma qallux li jiena kont l-isptar.*

*Illi wara hmistax hrigt mill-isptar, u bdejt nohrog ma’ ohti Paceville, u wara xi xahar li konna ilna mifrudin rgajna ltqajna. Meta konna Paceville biex jirranga mieghi qalli li hemm tfajla li riedet tigi mieghu. F’ dak il-perijodu hu kien jaghmilha ma’ certu hbieb minn Bormla li kont naf li jiehdu d-droga, dan jiena nafu ghax qalli hu. Kien beda jmur ir-rave parties, wahhal sticker tal-parties fuq il-karozza u beda jilbes imsielet kbar. Ghajnejh kienu jteptpu bla kontroll, jiena staqsejtu ghaliex ghajnejh kienu qed jaghmlu hekk u qalli li kien mar party u tawh pillola u hassu ser imut. Wara cahad li qatt qalli hekk.*

*Illi wara tliet xhur li ergajna bdejna nohorgu flimkien jiena nqabt tqila. Meta sirt naf bit-tqala b’kollox konna ilna nafu lil xulxin xi disa’ xhur li kienu maqsumin fl-ewwel sitt (6) xhur, break ta’ xahar u tliet (3) xhur.*

*Illi qabel ma sirna nafu bit-tqala la jiena u lanqas hu ma kellna hsieb biex nizzewgu. Skoprejt li kont tqila ghand ommu. Jesmond kien xtara l-pregnancy test. Meta mit-test hareg li kont tqila ha qatgha, qisu ha xokk. Imbaghad giet ommu u qaltlu ‘congratulations ser issir papa’ u hu fil-pront mar fil-kamra tal-banju biex jirremetti. Niftakar li ommu anki lili haditli b’idejja. Lill-genituri tieghi jiena bdejt niddejjaq nghidlihom li kont tqila u meta ghidtlihom huma baqghu sorprizi hafna; ma hadux pjacir b’din is-sitwazzjoni.*

*Illi nghid li f’dawk it-tliet (3) xhur ma kienx jidhol id-dar tieghi u wara l-pregnancy rega` beda jidhol id-dar tal-genituri tieghi.*

*Illi waqt li jiena kont pregnant lil Jesmond kien qabdu infection fil-parti intima tieghu u morna l-polyclinic biex*

*naraw x'kellu. Lit-Tabiba staqsejtha minn fejn u hi qaltli li tigi ghax tmur ma' hafna nisa. Nghid ukoll li jiena ma kontx afflitta minn ebda' infection.*

*Illi jiena kelli hames xhur tqala meta zzewwigt. F'dawn il-hames xhur sibna post bil-kera fejn kellna naghtu Lm5,200 rigal. Sehemi taghtuli ommi, jiena bieghet il-karozza tieghi Yugo ghal Lm1,000 u tajthom lil Jesmond biex ikun jista` johrog sehemu fil-post. Fil-post Jesmond qatt ma mar jaghmel xejn. Il-post ma kienx ghadu tajjeb ghall-abitazzjoni meta zzewwigna l-genituri tieghi offrewlna li nghixu maghhom.*

*Illi dakinhar qabel ma morna l-Knisja biex nizzewgu Jesmond kien cempilli u qalli li ma riedtx imur fil-post. Dakinhar jiena ghidt lil ommi 'dan biex jaqla` qisu ma jridx jizzewweg, li jrid jizzewweg ta' bilfors'.*

*Illi morna l-Knisja. Hu beda jibki tul il-quddies kollha u x'hin hrigna u konna fil-karozza "imma jien inhobbok hu? Jien inhobbok" beda jirrepeti dawn il-kliem il-hin kollu jien bqajt hekk. Wara r-riceviment morna d-dar u Jesmond taghni daru u raqad. Dak in-nhar lanqas biss tkellimna. Filghodu ta' wara t-tieg hassejtni ma niflahx, qam u hu qalli ha mmur ghand ommi, hu x' hin qam libes u telaq.*

*Illi meta konna mizzewgin hu ma kien ibusni xejn ghax kien jghid li jitqazzes ghax nixrob it-te' u lanqas jekk ma nixrobx te' xorta jghidli le, jghidli 'issa xjahna' u ma jkellimni xejn.*

*Illi meta kien johrog mieghi l-hin kollu jonfoh bid-dwejjaq u jghid xi dwejjaq ghandu. Jesmond kien il-hin kollu jghidli 'kieku ma kellniex it-tifla minn jaf ma' min inkunu'.*

*Illi Jesmond minn dejjem kien ihobb jistad, hu kien imur kuljum u meta jigi lura mis-sajd xorta kien ikun bid-dwejjaq. Kemm domna flimkien dejjem bid-dwejjaq, ma jkellimnix. Kien jghidli jiddejjaq id-dar, u meta kont nghidlu xi haga kien jghidli li s-saqaf jaqa` fuq rasu. Kien ikun dejjem barra daqqa jistad u daqqa ghand ommu.*

*F' okkazjoni minnhom konna ta' Qali bit-tifla u ghedtlu biex izzommha ftit u li dalwaqt kont gejja hura. Dak il-hin it-tifla kienet rieqda. Wara xi kwarta mort lura fil-karozza u it-tifla kienet ghadha rieqda filwaqt li Jesmond kien jahlef u jidghi ghax kien iddejjaq jistenna kwarta bit-tifla. Dakinhar kien ghadu gej minn erba' (4) sieghat sajd. Meta morna lura d-dar ma kien hemm hadd u hu taghni daqqa, lit-tifla werwirha u bdiet tibki. Lili meddni ma' l-art. Irwieli jdejja u weggali l-kustillji. Darba ohra kien taghni daqqa fuq sieqi fil-karozza u kien waqqani minn fuq is-sodda ghax imbuttani. Kien aggressiv jekk ma taghmilx dak li jghid hu.*

*Illi meta konna nohorgu bit-tifla kien jghidli xi dwejjaq nidhlu xi l-ghaxra ta' filghaxija (10pm) jien imdorrija indum sal-hamsa ta' filghodu (5am).*

*Wiehed jahdem mieghu qalli li kien il-hin kollu jitkellem fuq tfajla li kienet toqghod fuq ommu.*

*Il-hajja taghna flimkien kont inhossni qisni wahdi ghax x'hin jigi minn barra ma jkellimnix, fis-sodda jtini dahru. X'hin kien jigi mix-xoghol hu kien isib l-ikel lest, jiekol u jbiddel u johrog. Lit-tifla qatt ma wera interess fiha, lili lanqas ikellimni u jitlaq ghand ommu. X'hin jigi minghand ommu bil-geddum, jidhol bil-kwiet ma jkellimnix, itini dahru u jorqod. Meta kont nistaqsieh min hu l-ewwel ghalik u hu kien jirrispondini ommu.*

*F'okkazjoni ohra morna nixtru s-supermarket u hu kellu hmistax-il gurnata shutdown u jiena ghidtlu biex naghmlu gurnata flimkien mat-tifla. Meta ghidtlu hekk hu qabad jidghi u jirrabja quddiem in-nies.*
*Il-maggiorparti tad-drabi konna niggieldu, meta konna nohorgu u naraw koppji kien jghidli 'ahna xjahna'.*

*Illi meta konna nghaddu mill-Marsa kien jghidli biex 'immur forsi ngib xi ghaxar liri.'*

*Illi meta kont mieghu ghand ommu, ommu kienet tistaqsieh kif int u kien jirrispondiha jew 'ghad-divorce ahna' jew 'mhux dejjem l-istess'. Kif kellna t-tifla dejjem*

*bid-dwejjaq. Anki bil-lejl jekk t-tifla tibki jibda` jidghi. Kien sikwiet jitkellem hazin hafna u jidghi.*

*Illi l-ahhar glieda ll kellna bdiet hekk, jien kont sajjartlu u bdejna niggieldu, l-affarijiet kibru u hu beda jheddidni b'sikkina u jghidli li ser jaqtali rasi fil-presenza t'ommi. Hu telaq 'l hemm, qabad ha l-ktieb tal-bank u qalli hiereg il-barra. L-ghada qalli biex ma mmissx il-flus u jumejn wara ircevejt ittra bl-Avukat.*

*Ilum il-gurnata lit-tifla la jaghti manteniment ghaliha u lanqas jaraha. Issa qieghed ma' persuna ohra.*

*Illi nikkonkludi billi nghid li mal-familjari tieghu lili kien ikerrahni hafna."*

Illi gew prezentati wkoll tliet xhieda ohra mill-konvenuta li taw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura ta' l-affidavits u dawn huma il-genituri u oht il-konvenuta, **George Borg** (a fol. 35), **Pauline Borg** (a fol. 21) u **Mavis Margaret Gaffiero** (a fol. 41).

## ii) Principji Legali.

Illi *inter alia* l-attur ghamel il-kawza tieghu abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` **l-Att dwar iz-Zwieg.**

Illi l-attur jissottometti li z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza

ghas-sentenza **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porsella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta’ ***Viladrich***:

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.,* “Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated.”** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these*

*essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.,*** *op.cit.,* pg. 687).

Illi wkoll fis-sentenza "**Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad ukoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju –* ***art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali* ***("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *– P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu* ***(d)*** *ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi*

*determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (***Forum**, 1990, Vol. 1 part I,* p. 72).

Illi pero`, kif gja` inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato* l' *uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia,*** **"Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (ara, **"Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid "*Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* **("Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e*

*ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole"* (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale", jghid il-Bersini, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso" (op. cit.,* p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew

indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J**., op. cit.,* p. 687).

Illi ta' l-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u "**Anna Galea v. John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"l-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid*

*isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja. Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*"**art.19 (1) (f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza

fid-9 ta’ Marzu 2000) **u “Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi ta’ l-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

## iii) APPREZZAMANT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe u dan kemm mix-xhieda ta’ l-istess attur u kemm dik tal-konvenuta, li l-unika raguni ghaliex l-istess partijiet waslu ghal dan iz-zwieg kien biss minhabba l-fatt li l-konvenuta harget tqila minn relazzjonijiet intimi li hija kellha ma’ l-attur, u fil-fatt minn espozizzjoni dettaljata tax-xhieda taghhom rispettiva jirrizulta li qabel dan l-avveniment huma qatt ma kellhom l-ebda hsieb ta’ zwieg u fil-fatt ma kien hemm l-ebda imhabba kwalunkwe lejn xulxin, u dak li ddetermina d-decizjoni taghhom kienet bss din l-imsemmija tqala.

Illi f'dan il-kuntest hija sinifikanti wkoll ix-xhieda ta' Alfred Calafato missier l-attur li sostna li mill-ewwel deher li l-kontendenti ma kenux kuntenti li kienu ser jizzewgu u ghalih u anke ghall-arcipriet kien evidenti li *"huma kienu qeghdin jizzewgu ta' bilfors minhabba t-tqala";* illi omm l-attur innutat l-istess haga tant li sostniet fl-affidavit taghha minnha prezentat li *"aktar ma beda joqrob it-tieg, aktar bdew jiggieldu u stajt ninduna li t-tnejn kienu jidhru mhux kuntenti li kienu ser jizzewgu. Nghid li kemm jien kif ukoll zewgi ma ghamilna ebda pressjoni biex jizzewgu. Madankollu, huma kienu qeghdin jizzewgu ta' bilfors minhabba t-tqala tal-konvenuta. Nghid ukoll li Jesmond hassu kostrett li jizzewweg ghax huwa kien bezghan ukoll li hija kienet tibqa' iffissata li tkorri".*

Illi dan kollu jikkonferma t-tezi tal-partijiet li huma biss izzewgu ghal dan l-iskop, tant li jidher car mill-provi prodotti, nkluzi dawk tal-genituri tal-konvenuta ma' min il-partijiet kienu joqghodu ghall-ewwel li zzewgu, li l-istess kontendenti kienu verament imkompatibbli flimkien tant li hlief glied bejnithom ma jidhirx li kien isir; fil-fatt mix-xhieda ta' Pauline Borg u George Borg jirrizulta li l-attur ftit jew xejn ma kien jaghti kaz tal-obbligazzjonijiet tieghu ta' missier u ragel tal-familja, tant li jidher li lanqas biss baqa' jmanti lill-istess minuri.

Illi dan kollu jikkonferma li fl-ewwel lok l-partijiet ma kellhom id-diskrezzjoni necessarja fil-kunsens taghhom sabiex jghaddu ghal dan iz-zwieg, anke peress li jidher car li fl-atteggament taghhom ma kenux preparati sabiex jifhmu d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-istess unjoni, u certament din ma kenitx tikkonsisti fil-kuncett li la darba l-mara harget tqila mela allura z-zwieg kienet l-unika triq; preparazzjoni ghal tali rabta u unjoni ma ssirx b'dan il-mod izda hija hafna iktar minn hekk u fuq kollox *commitment* minn kull parti li taghti lill-parti l-ohra l-promessa li tghix hajjitha ghall-gid komuni ta' tnejn b'dan li kollox isir ghall-iskop tal-familja u jekk ikun hemm it-tfal dawn jigu ovvjament inkluzi fl-istess kuncett, b'hekk kull persuna ma tibqax tghix u tahseb ghal rasha izda biss ghall-gid u fl-interess ta' dak li huwa in komun. Dan assolutament kien mankanti mill-istess partijiet u l-Qorti

tenfasizza li abbazi tal-provi prodotti, dan in-nuqqas kien iktar pronunzjat fl-attur.
Illi fit-tieni lok jidher li mill-hajja kif ghexu l-attur u l-konvenuta flimkien jidher li huma enfasizzaw f'kull parti tal-hajja taghhom li huma zzewgu lil xulxin ta' bilfors minhabba l-imsemmija tqala, tant li jidher li anke l-prezenza taghhom flimkien kienet idejjaqhom, b'dan li l-hajja taghhom u r-relazzjoni taghhom saret piz ghal kull wiehed u wahda minnhom li huma stess lanqas riedu jiffacjaw konxji mill-fatt li hadd minnhom ma kien lest u ppreparat li jkompli jghix f'din is-sitwazzjoni ta' gidba, fejn pprezentaw ruhhom mas-socjea' bhala mizzewgin meta in verita' qatt ma kienu jhossu xejn lejn xulxin, tant li din il-Qorti thoss li kull parti lanqas kellha rispett lejn il-parti l-ohra; dan iwassal lill-Qorti sabiex tikkonkudi li dan iz-zwieg kien simulat ghaliex il-patijiet qatt ma kellhom intenzjonijiet serji u rejali ghal dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-unika konkluzjonijiet possibbli hija li tali zwieg jigi ddikjarat null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet u ma hemmx bzonn ghalhekk li tidhol fil-premessi l-ohra attrici u lanqas fl-artikolu msemmi mill-konvenuta, *stante* li dan ikun ezercizzju ghal kollox akkademiku in vista tad-decizjoni hawn moghtija.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta nkwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-12 ta' Frar 1999 huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Konsegwentement tordna li n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Illi l-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

***Moqrija.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------